

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16939/25

MAMA 292
MED 107
RL 7

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Relazzjonijiet mal-Libanu - il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għad-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (Brussell, 15 ta' Diċembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għad-disa' Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Libanu.

ID-DISA' LAQGĦA TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI

UE-LIBANU

(Brussell, 15 ta' Diċembru 2025)

Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea

1. Fl-okkażjoni tad-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Libanu, l-Unjoni Ewropea (UE) tafferma mill-ġdid impenn qawwi biex tapprofondixxi r-rabtiet tagħha mal-Libanu. Il-laqgħa tal-lum timmarka l-bidu ta' fażi mġedda fis-sħubija bilaterali tagħna, mibnija fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jiffurma l-bażi legali, istituzzjonali u politika tas-sħubija u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Libanu, u tagħti spinta lir-relazzjoni tagħna. Il-mira tal-UE hija li b'mod konġunt mal-Libanu tadotta l-Prijoritajiet tas-Sħubija bħala dokument qafas biex isaħħaħ il-kooperazzjoni konġunta tagħna.
2. Il-Libanu jirrappreżenta mudell uniku ta' koeżistenza u diversità. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025, l-UE tenni l-appoġġ tagħha għall-gvern u l-poplu tal-Libanu. Hija tilqa' l-isforzi orjentati lejn ir-riforma tal-awtoritajiet Libaniżi biex jistabbilizzaw is-sitwazzjoni ekonomika u tas-sigurtà u tappoġġa l-isforzi tal-gvern biex jeżerċita s-sovranià tiegħu fuq it-territorju kollu tiegħu u l-pjan tiegħu li jistabbilixxi l-monopolju tal-istat fuq l-armi, filwaqt li tirrikonoxxi l-ambjent diffiċli li fih joperaw l-awtoritajiet Libaniżi. F'konformità mar-riżoluzzjoni 2790 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU), l-UE tesprimi appoġġ qawwi għall-integrità territorjali, is-sovranià, l-istabbiltà u l-indipendenza politika tal-Libanu fil-fruntieri tiegħu rikonoxxuti internazzjonalment.
3. Wara bosta kriżijiet politiċi, finanzjarji u ta' sigurtà b'diversi aspetti, fil-Libanu feġġet opportunità ġdida bl-elezzjoni ta' President ġdid u l-formazzjoni ta' gvern ġdid li fetħet it-triq biex jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-istat, tiġi rrestawrata s-sovranià sħiħa u l-pajjiż jitmexxa fid-direzzjoni ta' stabbiltà u prosperità dejjiema. L-UE hija impenjata li tikkollabora mal-gvern, l-istituzzjonijiet u s-soċjetà ċivili Libaniżi sabiex jissaħħaħ il-kuntest politiku, ekonomiku u ta' sigurtà tal-pajjiż, u tgħin in-navigazzjoni tal-isfidi numerużi – domestiċi, reġjonali, u globali – li qed iħabbat wiċċu magħhom.

4. F'dan ir-rigward, l-UE lesta tivvaluta x'għażliet hemm biex timmodernizza l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u lesta tfittex possibbiltajiet biex tgħolli r-relazzjonijiet tagħha mal-Libanu għal-livell ta' Sħubija Strateġika u Komprensiva, sakemm isir progress konkret fuq ir-riformi strutturali.

Sfidi ta' sigurtà globali u reġjonali

5. L-UE tenfasizza s-sinifikat strateġiku tas-sħubija bejn l-UE u l-Libanu biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżijiet reġjonali u globali li hemm bħalissa. F'dan il-kuntest ġdid, huwa kruċjali li l-UE u l-Libanu jafferimaw mill-ġdid l-impenn konġunt tagħhom għal ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, id-dritt internazzjonali, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u sistema multilaterali effettiva.

6. Fir-rigward tas-sitwazzjoni f'Iżrael u t-territorju Palestinjan okkupat, l-UE tilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2803 tal-KSNU dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex jintemm il-Konflitt ta' Gaża u tinsab lesta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan permezz tal-varjetà tal-għodod għad-dispożizzjoni tagħha, abbażi tal-impenn fit-tul tal-UE u l-appoġġ sostanzjali tagħha għall-paċi fir-reġjun, b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE qed tikkontribwixxi għall-isforzi internazzjonali għall-istabbilizzazzjoni ta' Gaża u x-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalem tal-Lvant, b'mod partikolari permezz tal-missjonijiet tal-PSDK tagħha EUBAM Rafah u EUPOL COPPS. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana u l-aġenda ta' riforma li għandha għaddejja b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Donaturi tal-Palestina, anke bil-ħsieb tar-ritorn tagħha f'Gaża. L-UE ttenni l-impenn sod tagħha għal paċi ġusta, komprensiva u dejjiema skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU, abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, bl-Istat ta' Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi, is-sigurtà u r-rikonnoxximent reċiproku, b'Ġerusalem bħala l-belt kapitali futura taż-żewġ stati. L-UE tfakkar ukoll fil-Konferenza ta' Livell Għoli għas-Soluzzjoni Paċifika tal-Kwistjoni tal-Palestina u l-Implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Żewġ Stati fi New York immexxija b'mod konġunt minn Franza u r-Renju tal-Arabja Sawdija. L-UE tafferma mill-ġdid l-appell tagħha għal aċċess sikur għas-siti sagri u biex jinżamm l-Istatus Quo. L-istatus u l-karattru speċjali ta' Ġerusalem u l-Belt l-Antika tagħha, l-invjolabbiltà tal-ispazji sagri tagħha u l-vijabbiltà tal-komunitajiet kollha tagħha għandhom jiġu ppreżervati u rrispettati minn kulħadd. L-UE ttenni l-kundanna qawwija tagħha tal-eskalazzjoni tal-vjolenza fix-Xatt tal-Punent, wara żieda fil-vjolenza mill-abitanti tal-insedjamenti, inkluż kontra l-komunitajiet Insara, l-espansjoni tal-insedjamenti, u l-operazzjonijiet militari ta' Iżrael. L-UE tikkundanna wkoll bil-qawwa l-attakki terroristiċi kontinwi kontra Iżrael.

7. Aktar minn tliet snin mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata, u fuq skala sħiħa, tar-Russja kontra l-Ukrajna, bi ksur serju tad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u li ddgħajjed is-sigurtà u l-istabbiltà dinjija u tikkawża tbatija indeskrivibbli lill-poplu Ukren, l-UE tkompli tappoġġa bis-sħiħ u bla heda lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha. L-UE tilqa' l-appoġġ tal-Libanu għar-risoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-2 ta' Marzu 2022, l-24 ta' Marzu 2022, it-12 ta' Ottubru 2022, u l-24 ta' Frar 2025. L-appoġġ tal-Libanu f'fora multilaterali għal ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli huwa element importanti tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Libanu. L-UE tissottolinja l-importanza li tiġi appoġġata s-sejħa għal waqfien minn-ġlied sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet bil-għan li tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u tinġieb lura l-paċi, li trid tkun komprensiva, ġusta u dejjiema, imsejsa fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, inkluż is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

Appoġġ tal-UE għal relazzjonijiet imġedda bejn il-Libanu u s-Sirja

8. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għal tranżizzjoni paċifika u inklużiva fis-Sirja taħt it-tmexxija u s-sjieda tas-Sirja, ħielsa mill-interferenza dannuża ta' barranin, u l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tas-Sirjani kollha irrispettivament mill-kuntest etniku jew reliġjuż li jkunu ġejjin minnu, u l-ġustizzja tranżizzjonali u r-rikonċiljazzjoni. L-UE ser tkompli tappoġġa lis-Sirja f' triqitha lejn l-istabbilizzazzjoni, id-demokratizzazzjoni, l-inklużività u r-rikostruzzjoni, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2025.
9. L-UE tilqa' l-kuntatti reċenti ta' livell għoli bejn il-Libanu u s-Sirja, u l-isforzi tagħhom biex jiddefinixxu relazzjonijiet ġodda, li jirrispettaw is-sovranià ta' kull Stat, bl-oġġettiv li jsir progress konkret fuq il-kwistjonijiet bilaterali ewlenin — inkluż il-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntiera, id-demarkazzjoni tal-fruntiera, id-destin tal-persuni nieqsa, id-detenuti u l-assi. L-UE tinsab lesta li tappoġġa inizjattivi li jrawmu l-istabbiltà, ir-rispett reċiproku, l-oportunitajiet ekonomiċi, il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni, u r-rabtiet kostruttivi mal-pajjiż ġirien.

10. L-UE tilqa' l-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 bejn Iżrael u l-Libanu, u ttenni l-appell tagħha lill-partijiet kollha biex jirrispettawh u jimplimentawh. F'dak il-kuntest, l-UE tfakkar fir-rwol ċentrali tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ sabiex tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied. L-UE ttenni wkoll ir-rwol fundamentali ta' stabbilizzazzjoni tal-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti (UNIFIL) fin-Nofsinhar tal-Libanu. Minkejja l-fatt li l-mandat tal-UNIFIL huwa skedat li jintemm f'Diċembru 2026, l-UE ser tkompli tappoġġa s-sovranià statali, l-integrità territorjali u l-isforzi għall-bini tal-istat Libaniż, inkluż billi tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-Forzi Armati Libaniżi (LAF) u l-Forzi tas-Sigurtà Internazzjonali (ISF). F'dan il-kuntest, l-UE tappella għal kooperazzjoni msaħħa bejn il-LAF u l-UNIFIL.
11. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jimplimentaw ir-risoluzzjonijiet 2790, 1701 u 1559 tal-KSNU li jirrikjedu d-diżarm tal-gruppi armati mhux statali kollha u l-irtirar ta' Iżrael miż-żoni fit-Tramuntana tal-Linja Blu. L-UE tinsab imħassba serjament dwar l-intensifikazzjoni tat-tensjonijiet reġjonali u l-ksur tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied li għadu qed isir mill-Forzi tad-Difiża Iżraeljani, b'mod partikolari billi fil-mira tiegħu għandu lill-persunal tal-UNIFIL, lil persuni ċivili u lill-infrastruttura ċivili, li rriżultaw f'vittmi ċivili. L-UE tikkundanna kwalunkwe attakk kontra l-UNIFIL u tfakkar li s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal u l-bini tan-NU jridu jiġu żgurati f'konformità mad-dritt internazzjonali u r-Risoluzzjoni 1701 tal-KSNU. L-UE tiddeplora li l-Hezbollah qed ikompli jirrifjuta li jirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied.
12. L-UE tesprimi t-tħassib tagħha dwar ir-riskji ta' eskalazzjoni u tappella għat-tisħiħ tal-appoġġ internazzjonali għal soluzzjoni diplomatika. L-UE tilqa' l-attitudni miftuħa tal-Libanu għal negozjati kostruttivi ma' Iżrael u t-taħditiet diretti reċenti. Il-kwistjonijiet ta' sigurtà għandhom jiġu indirizzati permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ stabbilit skont il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied u f'konformità mad-dritt internazzjonali, u permezz ta' aktar appoġġ u tisħiħ tal-LAF. L-UE tinsab lesta li tiffaċilita d-diskussjonijiet f'diversi livelli dwar parametri komprensivi ta' sigurtà u politiċi biex tinkiseb paċi dejjiema.

13. L-UE tappoġġa b'saħħa d-deċiżjoni tal-Gvern Libaniż tal-5 ta' Awwissu 2025 li jagħti s-setgħa lil-LAF biex tiżviluppa u timplimenta pjan għall-istabbiliment ta' monopolju tal-istat fuq l-armi u tteġġeg li jiġi implimentat kollu malajr. Din id-deċiżjoni storika għandha twassal għad-diżarm tal-gruppi armati mhux statali kollha, inkluż l-Hezbollah u għar-riintegrazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà tal-istat fit-territorju kollu, inkluż fil-kampijiet Palestinjani. F'dan il-kuntest, l-UE tenfasizza l-impenn tagħha li tappoġġa l-inizjattivi tal-gvern u tappella lill-atturi kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ. L-UE tappella wkoll lis-sħab internazzjonali kollha biex jipparteċipaw fil-konferenza futura b'appoġġ għall-FAL u l-ISF. L-UE tirrikonoxxi li l-estensjoni tas-sovranià u l-leġittimità tal-Istat fil-partijiet kollha tal-pajjiż teħtieġ ukoll istituzzjonijiet pubbliċi nazzjonali u lokali msaħħa li jipprovdu servizzi affidabbli u rkupru soċjoekonomiku għall-popolazzjoni tiegħu. L-UE tinsab lesta tappoġġa l-pjan tal-gvern għall-irkupru u r-rikostruzzjoni ta' wara l-konflitt.
14. L-UE, flimkien mal-Istati Membri, tafferma r-rieda tagħha li tintensifika l-kollaborazzjoni fil-paċi, is-sigurtà, id-difiża, inkluż l-isforzi ta' medjazzjoni u djalogu. L-UE tinsab lesta li tfittex modi għal aktar kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà bħall-kontroll fuq il-fruntiera, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-appoġġ tas-sigurtà marittima, bl-involvement tal-aġenziji rilevanti tal-UE. L-UE hija impenjata li ssaħħa aktar l-assistenza tagħha lis-settur tas-sigurtà Libaniż, permezz ta' appoġġ akbar għall-FAL, l-ISF u aġenziji oħra tas-sigurtà, filwaqt li tibni fuq il-miżuri ta' assistenza li għaddejjin taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi, il-NDICI u strumenti oħra tal-UE, biex tiżgura appoġġ koerenti, sostenibbli u mfassal apposta. L-UE ser tesplora l-possibbiltà ta' aktar involviment tal-PSDK fil-Libanu, allinjat mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet Libaniżi.
15. L-UE tikkonferma mill-ġdid ir-rieda tagħha li tikkoopera mal-Libanu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż permezz ta' proġetti bilaterali u reġjonali ffinanzjati mill-UE. L-UE tippromwovi djalogu u kooperazzjoni msaħħa mal-Libanu fil-pjattaformi multilaterali ddedikati għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, bħall-Koalizzjoni Dinjija kontra d-Da'esh, u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.

16. L-UE tilqa' l-passi meħuda mill-gvern Libaniż biex jistabbilizza s-sitwazzjoni ekonomika, u tenfasizza l-ħtieġa urġenti li jitwettqu riformi ekonomiċi, fiskali u fis-settur finanzjarju għal irkupru sostenibbli u għall-benefiċċju tal-poplu kollu Libaniż. L-impatti tal-kriżi ekonomika, b'mod partikolari l-kollass tas-settur bankarju u s-sitwazzjoni fiskali prekarja, għadhom ta' piż kbir fuq il-poplu Libaniż. L-UE tenfasizza li l-progress kredibbli u irriversibbli fir-riforma tas-settur bankarju, inkluż l-implimentazzjoni ta' qafas robust ta' riżoluzzjoni bankarja u l-adozzjoni ta' liġi dwar id-diskrepanzi allinjata ma' standards internazzjonali kif ukoll l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet pubbliċi, huwa kruċjali biex jinkiseb programm tal-FMI, li huwa prekundizzjoni għal programm potenzjali ta' assistenza makrofinanzjarja tal-UE, u ser isaħħaħ il-kooperazzjoni b'implimentazzjoni ta' programmazzjoni permezz tal-gvern Libaniż kif ukoll jattira investiment internazzjonali potenzjali. Dan iwitti wkoll it-triq għal konferenza ta' rikostruzzjoni li timmobilizza s-sħab internazzjonali tal-Libanu, li Franza tinsab lesta torganizza fil-bidu tal-2026.
17. Wara t-tqegħid tal-Libanu fil-lista griża tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) f'Ottubru 2024, l-UE tinnota l-impenn tal-Libanu li jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tal-FATF tiegħu u tinsab lesta li tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet Libaniżi fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-qafas tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
18. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li l-Libanu joħloq spazju fiskali biex jirrikapitalizza l-Bank Ċentrali, isaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-istat u s-servizzi pubbliċi u jagħmel progress fir-rikostruzzjoni, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Libanu. L-UE tenfasizza wkoll li n-negozjar ta' pjan komprensiv ta' ristrutturar u ħlas lura tad-dejn mad-detenturi tal-Eurobonds huwa essenzjali biex joħroġ mill-inadempjenza tad-dejn sovrani u tiġi restawrata l-istabbiltà finanzjarja. L-UE tirrikonoxxi l-iskala tal-ħtiġijiet ta' rikostruzzjoni u l-importanza ta' appoġġ internazzjonali kkoordinat għall-irkupru urġenti. L-UE tikkonferma li hi lesta tappoġġa r-rikostruzzjoni ladarba jitwettqu r-riformi.

19. L-UE tibqa' impenjata wkoll li takkumpanja lil-Libanu fi triqtu lejn ekonomija sostenibbli, kif ukoll agrikoltura u ekonomija blu sostenibbli, sigurtà msaħħa tal-enerġija, it-tranżizzjoni diġitali, settur tal-ilma u tas-sanità kosteffiċjenti li jiffunzjona, u l-integrazzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima u tar-reżiljenza għalih. L-UE ser tappoġġa wkoll l-isforzi biex tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika tal-Libanu u biex jiġu esplorati modi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' kummerċ u investiment. Dawn huma oqsma ewlenin ta' titjib sabiex jissaħħaħ il-kuntratt soċjali bejn l-istat u ċ-ċittadin. Il-ħatra reċenti tal-awtoritajiet regolatorji tal-elettriku u tat-telekomunikazzjoni huma passi pożittivi 'l quddiem.

Stat tad-dritt, prinċipji demokratiċi u drittijiet tal-bniedem

20. Il-promozzjoni, il-protezzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-pedament tad-demokrazija, is-sigurtà u l-istabbiltà soċjoekonomika fit-tul. L-UE tissottolinja l-importanza li jiġu ggarantiti l-ugwaljanza, il-libertà tal-espressjoni, ta' għaqda paċifika, ta' assoċjazzjoni, u ta' twemmin, u d-dritt għal proċess ġust. L-isforzi Libaniżi fir-rigward tar-riformi fis-settur tal-media, fosthom it-tressiq ta' abbozz ta' liġi dwar il-media quddiem il-Parlament f'Mejju 2025, li għandu l-għan li jabolixxi l-arrest preventiv u s-sentenzi ta' ħabs għal reati relatati mad-diskors u jirrevoka d-dispożizzjonijiet dwar il-malafama kriminali u l-insulti, huma passi importanti 'l quddiem. L-UE tafferma mill-ġdid l-oppożizzjoni qawwija u inekwivoka tagħha għall-użu tal-piena tal-mewt f'kull ħin u fiċ-ċirkostanzi kollha peress li l-piena kapitali tikser id-dritt inaljenabbli għall-ħajja u hija inkompatibbli mad-dinjità tal-bniedem u thegġegħ lill-awtoritajiet Libaniżi biex jabolixxu formalment il-piena tal-mewt. L-UE tinsab lesta tappoġġa t-tkomplija tal-ħidma tal-awtoritajiet Libaniżi biex isaħħu l-irfigħ tar-responsabbiltà u jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-liġi u fil-prattika. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll il-ħidma tal-atturi tas-soċjetà ċivili f'dan il-qasam u fl-oqsma l-oħra kollha ta' involviment tal-UE. L-UE thegġegħ lil-Libanu jipprovdi biżżejjed riżorsi lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni Nieqsa u Vittmi ta' Għajbien Furzat, li b'hekk tkun tista' tagħti twegġibiet lill-familji ta' persuni nieqsa b'riżultat ta' kunflitti armati fil-passat u attwali, li jħeġġu r-riżoluzzjoni u r-rikonċiljazzjoni.

21. L-awtoritajiet Libaniżi huma impenjati li jorganizzaw elezzjonijiet trasparenti u kredibbli fir-rebbiegħa li jmiss, li għalihom stiednu lill-UE tibgħat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE. L-UE tenfasizza l-importanza li dawn l-elezzjonijiet isiru skont l-iskeda ta' żmien maqbula, li jtkompla l-proċess demokratiku, u li jsir dijalogu mal-partijiet ikkonċernati differenti, inkluż dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mill-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-2022.
22. L-UE tenfasizza l-impenn tagħha għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, filwaqt li tissottolinja l-importanza li l-Libanu jagħmel progress fir-riformi tal-liġijiet tal-Libanu dwar l-istatus personali u li jneħħi d-dispożizzjonijiet legali li fadal li jiddiskriminaw kontra n-nisa u l-bniet. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġu ggarantiti d-drittijiet ugwali tan-nisa u l-bniet fil-liġi tal-familja, kif ukoll it-tgawdija sħiħa tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem, u li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja politika, pubblika u ekonomika. L-UE temmen li l-ħidma fuq aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u l-amplifikazzjoni tar-rwol u l-kontribut tan-nisa għat-trasformazzjoni politika u ekonomika tal-pajjiż ser ikollhom impatt pożittiv ħafna fuq il-proċess ta' riforma tal-Libanu. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi rispettata, protetta u mwettqa t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI, inkluż li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontribom
23. L-UE tilqa' l-passi pożittivi reċenti meħuda mill-gvern Libaniż biex iniedi l-Proċeduri Operattivi Standard (SOPs) għall-identifikazzjoni, l-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar. L-implimentazzjoni konkreta ta' dawn il-miżuri issa hija essenzjali biex jiġi żgurat segwitu.

24. Riforma komprensiva tal-ġudikatura ser trawwem indipendenza akbar u tiżgura sistema ġudizzjarja aktar effiċjenti u trasparenti. Għaldaqstant huwa importanti li l-Parlament jiffinalizza u jadotta l-leġiżlazzjoni rilevanti, b'mod partikolari l-liġi dwar l-indipendenza tal-ġudikatura, bħala l-ewwel pass lejn ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt f'dan il-qasam. Dan jinkludi l-prevenzjoni u l-projbizzjoni tat-tortura u d-dritt għal proċess ġust, li jridu jiġu żgurati. L-UE tinsab lesta li tkompli tappoġġa r-riformi leġislattivi li għandhom l-għan li jiżguraw sistema tal-ġustizzja komprensiva u koeżiva, allinjata mal-istandards internazzjonali. L-UE tenfasizza l-promulgazzjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-Libanu dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali bejn il-EUROJUST u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu u tistieden lill-awtoritajiet Libaniżi jistabbilixxu sistema ta' protezzjoni tad-data konformi, inkluż korp regolatorju indipendenti, biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tiegħu u jipprevedu riżorsi finanzjarji u umani adegwati għall-awtoritajiet involuti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.
25. L-UE tappella għall-ġustizzja u l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-isplużjoni tal-Port ta' Bejrut fl-4 ta' Awwissu 2020 u tilqa' l-passi meħuda reċentement li ppermettew li jsir progress fl-investigazzjoni. L-UE tappella lill-awtoritajiet rilevanti jiżguraw li huma fis-seħħ il-kundizzjonijiet sabiex l-investigazzjoni tkun tista' tiġi konkluża bir-reqqa, u b'mod imparzjali u trasparenti, u tistenna b'interess li ssir ġustizzja mingħajr aktar dewmien. L-UE appellat għal investigazzjoni indipendenti fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. L-UE thegġegħ lill-awtoritajiet Libaniżi jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-aġenziji rilevanti tal-UE u l-ġuriżdiżjonijiet tal-Istati Membri u tinsab lesta li tappoġġa l-proċess ta' riforma ġudizzjarja.
26. L-UE tenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-prevenzjoni tagħha billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u ta' leġiżlazzjoni kruċjali, kif ukoll it-tiżiħ tar-rwol u l-kapaċità tal-Kummissjoni Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u istituzzjonijiet oħra b'mandat. Huwa essenzjali li l-impenji jissarrfu f'azzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li jsiru investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'mod effettiv.
27. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li tiġi promossa t-trasparenza fl-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni, billi l-obbligu ta' rendikont u attitudni miftuħa huma kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza u l-ġustizzja fl-għoti tas-servizz pubbliku liċ-ċittadini kollha.

28. L-UE thegħgeġ lill-gvern Libaniż jirratifika malajr l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI).

Kapital uman, skambji bejn il-persuni

29. L-UE tafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tagħha li ssaħħa ir-rabtiet bejn il-persuni bejn il-Libanu u l-Ewropa u li tinvesti fil-kapital uman tal-Libanu, tesplora l-possibiltajiet offruti permezz ta', pereżempju, Erasmus+ u fi ħdan l-approċċ ta' Tim Ewropa. L-UE tenfasizza li l-irkupru u l-istabbiltà fit-tul tal-pajjiż jiddependu mit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-poplu tiegħu — b'mod partikolari taż-żgħażaġh u tan-nisa — permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-kultura, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-aċċess għal xogħol deċenti. L-appoġġ ser jiffoka fuq it-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, il-progress fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tekniċi, u l-iżgurar ta' opportunitajiet ta' taġlim inklużivi u ekwi li jippermettu lit-tfal u liż-żgħażaġh kollha jitgħallmu u jirnexxu f'ambjenti sikuri u fejn jingħataw appoġġ.

30. Billi jinvestu fi skejjel, ċentri ta' taħriġ, u spazji komunitarji reżiljenti, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom l-għan li jtejbu l-eżiti tat-taġlim, isaħħu l-impjegabbiltà, u jrawmu l-intraprenditorija u l-ekonomija soċjali. Filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol vitali tas-settur privat fir-reżiljenza u l-irkupru, l-UE ser tkompli tappoġġa lill-intrapriżi Libaniżi — b'mod partikolari dawk mikro, żgħar u medji — filwaqt li toffri assistenza biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jfixklu l-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Dawn l-isforzi, allinjati mal-prijoritajiet tal-Patt għall-Mediterran u l-Unjoni għall-Mediterran, ifittxu li jippromwovu xogħol deċenti, li jagħtu spinta lill-inklużjoni ekonomika, u li jqiegħdu l-kapital uman fil-qalba tal-irkupru sostenibbli tal-Libanu.

31. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġa lil-Libanu jindirizza l-ħtiġijiet u tat-tħassib dwar il-protezzjoni tal-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, fosthom il-persuni spostati internament, u r-refuġjati vulnerabbli Libaniżi, Sirjani u Palestinjani. Dan jinvolve l-għoti ta' interventi li jsalvaw il-ħajja, fosthom assistenza fi flus kontanti għall-ħtiġijiet bażiċi, l-aċċess għall-ikel, appoġġ immirat għall-aċċess għad-dokumentazzjoni, għajnuna legali, u l-ħarsien tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, kura tas-saħħa, kenn, assistenza soċjali u għajxien. Sabiex l-assistenza tkun effettiva kemm għal-Libaniżi kif ukoll għar-refuġjati, hija essenzjali kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet u s-sħab minn organizzazzjonijiet nongovernattivi u min-NU. Iż-żieda fil-baġit tal-istat għal servizzi bażiċi essenzjali hija kruċjali biex titnaqqas id-dipendenza fuq id-donaturi u bħala għajnuna biex jerġa' jinbena l-kuntratt soċjali.
32. L-UE tirrikonoxxi bis-sħiħ l-isfidi sinifikanti li qed iħabbat wiċċu magħhom il-Libanu bħala ospitant tal-akbar għadd ta' refuġjati per capita fid-dinja. Il-waqgħa tar-reġim ta' Assad biddlet id-dinamika reġjonali u żiedet it-tama għar-ritorni, b'għadd ta' Sirjani diġà qed jirritornaw f'pajjiżhom. L-UE tafferma mill-ġdid li l-protezzjoni tar-refuġjati tibqa' ċentrali għall-involviment tagħha, filwaqt li tenfasizza l-importanza li jitħares id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement*, u d-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE ser tkompli taħdem mal-awtoritajiet Libaniżi, mal-awtoritajiet tranżizzjonali Sirjani u mas-sħab min-NU biex tappoġġa soluzzjonijiet dejjiema bbażati fuq ritorni volontarji, sikuri u dinjitużi u perkorsi komplementari lejn pajjiżi terzi. L-UE ser tkompli tippromwovi l-preservazzjoni tal-ispazju ta' protezzjoni fil-Libanu, it-tisħiħ tal-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni, inkluż il-ġestjoni tal-fruntieri, u l-għajnuna għat-titjib tas-suq tax-xogħol tal-Libanu billi titnaqqas l-informalità u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.
33. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, l-UE tilqa' l-impenn tal-Libanu fil-kuntest tal-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti u tistenna b'interess li ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet Libaniżi.

Kooperazzjoni reġjonali

34. L-UE tilqa' l-Patt għall-Mediterran imniedi f'Barcellona fit-28 ta' Novembru 2025, li għandu l-għan li jiftaħ opportunitajiet ġodda mas-sħab Mediterranji tagħha, jindirizza l-isfidi komuni u jwassal għal progress flimkien lejn sħubija msejsa fuq il-fiduċja u r-rispett reċiproċi, fuq ir-responsabbiltà konġunta u l-iżvilupp kollettiv. L-UE tistenna b'interess li tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Libanu, fi spirtu ta' sħubija msejsa fuq il-fiduċja reċiproka u r-responsabbiltà kondiviża, permezz ta' inizjattivi konkreti u azzjonijiet ta' prijorità f'oqsma ta' interess reċiproku biex jinkisbu riżultati għall-persuni ta' kull età, għan-negozji u għall-intraprendituri.
35. L-UE tapprezza r-rwol kostruttiv tal-Libanu fil-qafas tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali, inkluż fuq pjattaformi reġjonali fejn iż-żewġ partijiet huma parteċipanti attivi, bħall-Unjoni għall-Mediterran u l-Fondazzjoni Anna Lindh.

Konklużjonijiet

36. L-UE tinsab lesta tappoġġa t-tmexxija u l-poplu tal-Libanu fit-triq lejn ir-riforma, l-irkupru u s-sovranià mġedda. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2025 iwitti t-triq biex tissokta l-ħidma tal-istanzi differenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, fosthom il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u s-sottokumitati differenti.
37. L-UE tafferma mill-ġdid l-oġettiv tagħha li ssaħħa ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha mal-Libanu u telewa r-relazzjoni tagħha permezz ta' Sħubija Strateġika u Komprensiva ladarba jiġu implimentati r-riformi meħtieġa. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-lum joffri opportunità biex inħarsu 'l quddiem lejn il-ġejjieni tas-sħubija bejn l-UE u l-Libanu billi nidentifikaw b'mod konġunt l-oqsma ta' prijorità ta' interess reċiproku għas-snin li ġejjin.